Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011   Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

**Seduta numru 43 tas-7 Leġislatura**
**L-Erbgħa 18 ta' Mejju 2016**

**MINUTI**

Il-Membri li jikkomponu is-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv għas-Seduta Numru 43 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Mġarr nhar l-Erbgħa 18 ta' Mejju 2016, fuq din l-aġenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Proposti għall-applikazzjonijiet ta' Proġetti Ewropej
5. Rapport dwar id-diversi proġetti fis-seħħ u f' hix waslu
6. Affarijiet Mixxellanji

Għall-din is-Seduta kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, id-Deputat Sindku Eman Vella u il-Kunsilliera Clayton Gauci, Mario Sammut u Elizabeth Ebejer, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Is-sede ta' Ambaxxatur taż-Żgħażagħ huwa preżentement vakanti.

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sur Paul Vella u bdiet fil-5:37pm.

**1 Minuti**

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati.

**Punti mill-Minuti**

dwar punt 3.6 — Dwar il-proposta li titwaqqaf Fondazzjoni għall-Biennale tal-Arti ta' Francoise Tempra, il-Kunsill iddiskuta u qabel unanimament li fl-Istatut jitniżżel li is-sede ta' tali fondazzjoni tkun fil-binja tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr għal perjodu minimu ta' 5 snin.

**2. Korrispondenza**

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar.

2.3 Ġiet innottata Memo mid-DLG fejn fiha tħabbar it-tibdil fil-kariga ta' Direttur għall-Gvern Lokali. Il-Kunsill irringrazzja lis-Sur Carmel Abela tat-tmexxija tiegħu matul dawn l-aħħar snin filwaqt li feraħ u sostna il-kooperazzjoni kollha lis-Sur Adrian Mifsud bħala Direttur ġdid.

2.4 Ġiet innotatta korrispondenza mingħand il-Wasteserv dwar il-WEEE, fejn ser jinbeda' proġett pilota f' diversi lokalitajiet fosthom fl-Imġarr għall-ġbir ta' dan it-tip ta' skart mix-xahar ta' Ġunju. Il-Kunsill qabel ma' din l-inizjattiva.

2.5 Ġiet imressqa korrispondenza mingħand il-Majjistral Action Group b' talba tal-ħlas biex il-Kunsill ikun membru għas-snin li ġejjin. Dan il-ħlas li jammonta għall-€2,500 ġiet unanimament approvat mill-Kunsill.

**3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

3.1 Is-Sindku informa li kien ser isir xogħol ta' kommunikazzjoni tas-ssitema tad-drenaġġ fi' Triq Dr David H. Trump.

3.2 Is-Sindku informa li kien ġiet ikkuntatjat mill-Kumitat tal-Festa sabiex issir il-ħuġġieġa ta' San Ġwann minn dan l-istess Kumitat.

3.3 Is-Sindku ħabbar li ix-xogħol fil-librerija pubblika kien miexi sewwa u kien kważi konkluż.

3.4 Is-Sindku semma' li kienu ser isiru żewġ attivitajiet għall-festa ta' Santa Marija, u dawn huma :

- It-Tlieta 9 t' Awwissu : żjara edukattiva fil-knisja parrokkjali;
- Il-Ħamis 11 t' Awwissu : l-ikla tar-Restaurant f' Wesgħat il-Ġublew. Hu ppjanat li jinġiebu il-taqsima tal-klieb tal-Pulizija kif ukoll il-membri tal-protezzjoni ċivili għal din l-attivita';

3.5 Is-Sindku semma li l-Ħadd 7 ta' Mejju 2017 għandha tiġi iċċelebrata il-V.E. Day fl-Imġarr.

3.6 Is-Sindku semma li kien sar xogħol ta' madum minn Pawlu Borg fil-lattrini ta' Ġnien Skorba.

3.7 Is-Sindku informa li kienet għaddej xogħol ta' rrinnovat l-għajn tas-Santi.

**4. Proposti għall-applikazzjonijiet ta' Proġetti Ewropej**

4.1 Il-Kunsill iddiskuta l-applikazzjoni taħt Axis 5 tal-Programm ERDF. Dwar dan diġa saru laqgħat mal-MEUSAC. Il-Kunsill ser ikun qed japplika biex ikompli jtejjeb il-masġar ta' Darrenzi b' fondi minn dan il-proġett. Eman Vella ser ikun qiegħed jimla' l-ewwel talba għall-dan il-proġett, bl-għajnuna tal-MEUSAC. Jekk din l-ewwel talba tgħaddi, imbagħad il-Kunsill iressaq l-applikazzjoni formali.

**5. Rapport dwar id-diversi proġetti fis-seħħ u f' hix waslu**

5.1 Is-Segretarju ta update dwar il-proġetti tal-Kunsill, speċjalment mill-punt finanzjarju.

5.2 Il-proġett tal-UIF għat-tisbiħ tal-bandli f' Wesgħat il-Ġublew issa kien konkluż. Saret iċ-ċertifikazzjoni minn Inġinier Konrad Mestre u din iċ-ċertifikazzjoni għaddiet lill-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex isir il-ħlas finali li għandu jammonta għall-€60,757.41.

5.3 Dwar il-proġett ta' Europe for Citizens li kien jinkludi il-Ġemellaġġ ma' Lagosanto, ser isir rapport lill-Kummissjoni Ewropeja dwar dan il-proġett qabel ma' jiġu approvati il-fondi li jammontaw għall-€7,500. Lokalment, wara l-applikazzjoni għall-fondi ta' Ko-Finanzjament ta' dan il-proġett, ser jitqabbad awditur indipendenti sabiex jistħarreġ din it-talba li tammonta għal ftit aktar minn €27,000.

5.4 Dwar il-proġett tal-Miżura 125, l-aħħar aħbar li kellu il-Kunsill kien li kien qed isir l-awditjar fuq dan il-proġett mill-Awtorita' tal-Pagamenti.

**6. Affarijiet Mixxellanji**

6.1 Eman Vella semma' li ser issir l-attivita' tal-Għana f' Darrenzi nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Settembru 2016.

6.2 Clayton Gauci staqsa f' hix kien wasal ix-xogħol tal-Wied tal-Gnejna. Is-Sindku wieġeb li kien waqaf. Eman Vella semma li kellu jara jekk hemmx xi żvilluppi mas-Scientific Officer responsabbli.

6.3 Clayton Gauci staqsa jekk kienx hemm xi żvilluppi għat-talba ta' One-Ways fi' Triq il-Majjistral u Triq Santa Marija il-biċċa t' isfel, Triq ta' Ħaġrat u Triq Sir

Harry Luke il-biċċa t' isfel. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ma kienx hemm l-ebda risposta mingħand Transport Malta u li kien ser jibgħat reminder dwar dawn.

6.4 Clayton Gauci semma il-każ biex il-Kunsill jerġa jqajjem il-proġett tal-parking ta' Triq il-Kbira. Is-Sindku informa li kien ser ikellem lill-Perit tal-Kunsill dwar dan il-proġett.

6.5 Elizabeth Ebejer semmieet li kien hemm bżonn ta' patching fi' Triq San Pietru. Is-Sindku informa li dan kien ser isir dalwaqt.

6.6 Elizabeth Ebejer infurmat li l-Kunsill kien ġie mgħoti 100 ktieb mill-Malta Tourism Authority biex jitqassmu lit-tfal tal-lokalita'.

6.7 Elizabeth Ebejer infurmat li fil-Librerija kien ser jiġi mtella' Summer Reading Challenge. Ipproponiet li l-Kunsill jaħseb għal ċertifikati ta' parteċipazzjoni. Il-Kunsill qabel dwar dan.

**Aġġornament**

Is-Seduta ntemmet fit-8:05pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa, 8 ta' Ġunju 2016, fil-5:30pm.

*Cyprian Dalli*
Segretarju Ezekuttiv

*Paul Vella*
Sindku